MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 15/2006/1

**Michael Falzon bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta’ Frar, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza parzjali fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta’ Jannar tas-sena 2006 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi prevja dikjarazzjoni li l-artikolu intitolat “Qerq fil-kontijiet tad-Dawl u l-Ilma”, li deher fl-ewwel pagna tal-gurnal “Kulhadd” tat-13 ta’ Novembru tas-sena 2005, (Dok. “A”), li tieghu l-konvenut Felix Agius huwa l-editur registrat (Dok. “B”), huwa libelluz, malafamanti u ingurjuz fil-konfront ta’ l-attur nomine, kif ukoll jesponi lill-istess ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u joffendi l-unur u l-fama ta’ l-istess ai termini ta’ l-artikolu 11 tal-kap 248 u inoltre jammonta ghal tixrid ta’ ahbarijiet foloz illi jistghu jallarmaw l-opinjoni pubblika jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-paci pubblika jew jistghu joholqu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost certi klassijiet tal-pubbliku ai termini ta’ l-artikolu 10 tal-Kap 248;

2. Illi tikkundannah ihallas lill-attur nomine dik is-somma li joghgobha tiffissa din il-qorti f’ammont li ma jeccedix il-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), bhala danni ghal malafama ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 248;

3. Bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittra ufficcjali datata 25 ta’ Novembru tas-sena 2005, (Dok. ‘C’), u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament;

4. Il-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata d-9 ta’ Marzu tas-sena 2006 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi qabel xejn ghandu jigi ppruvat li Felix Agius fid-data li gie ppubblikat l-artikolu, huwa kien l-editur tal-gurnal in kwistjoni;

2. Illi l-artiklu de quo jikkostitwixxi ‘fair comment’ f’socjeta’ demokratika, aktar u aktar meta kif se jigi ppruvat l-informazzjoni moghtija mill-istess gurnal, inghata mis-socjeta’ ta’ Korporazzjoni attrici innifisha;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut datata it-30 ta’ Mejju tas-sena 2006 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-eccipjent jecepixxi illi stante li l-Korporazzjoni attrici mhix persuna fizika ma setghet qatt isejjes l-azzjoni taghha ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi ghalhekk l-azzjoni kif promossa hija wahda guridikament improponibbli;

Rat in-nota ta’ l-attur nomine datata l-4 ta’ Lulju tas-sena 2006 li regghet giet riprezentata inutilment fl-atti fis-16 ta’ Jannar tas-sena 2007;

Rat in-nota tal-konvenut datata id-19 ta’ Jannar tas-sena 2007;

Rat il-verbal taghha tal-5 ta’ Dicembru tas-sena 2006 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari;

Ikkunsidrat;

Illi fl-istadju odjern il-vertenza in dizamina hi limitata ghad-determinazzjoni ta’ l-eccezzjoni preliminari li l-konvenut issolleva permezz tan-nota ulterjuri tieghu datata t-30 ta’ Mejju tas-sena 2006;

Illi in sintesi jirribadixxi li l-azzjoni odjerna hi irrita stante li l-Korporazzjoni li qed tippromwovi l-kawza mhix persuna fizika u ghalhekk:

“ … ma setghet qatt issejjes l-azzjoni taghha ai termini ta’ l-artikolu 28 tal-Kap 248 …”;

Ikkunsidrat:

Illi min naha tieghu, l-attur nomine kien aktar intraprendenti u ipprofitta ruhu mill-opportunita' lilu moghtija biex jipprezenta in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu;

Illi in sintesi dan isostni s-segwenti:

1. Illi d-definizzjoni tal-kelma "persuna" fl-artikolu 2 tal-kap 248 'tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita' guridika distinta jew le";

2. Illi jsahhah dan bil-kazistika minnu hemm citata u b'riferenzi dottrinali fir-rigward;

Ikkunsidrat;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-limitu tad-definizzjoni tal-kelma "persuna" kif definita fl-artikolu 2 tal-Kap fu qcitat ghandu jinghad li ghalkemm qieghda espressament tinkludi korp li jista' kemm jibbenefika mill-personalita' guridika jew le, pero' mhix se definizzjoni perfetta u ghandha tattira l-attenzjoni tal-legislatur biex jikkjarifika l-kuncett preciz li jrid jittrazmetti;

Ikkunsidrat;

Illi nonostante cio', b-analogija, l-kelma "distinta" nkluza fl-istess definizzjoni ma tistax tiftiehem hlief fis-sens li d-distinzjoni rikjamata qed isir biss ma 'persuna fizika';

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku ghalkemm mhux daqstant limpidu, li dak intiz fl-istess definizzjoni hu li f'dan il-qasam kopert mill-kapitolu 248, kemm –il "persuna fizika" kif ukoll il-"persuna guridika" huma t-tnejn koperti;

Ghaldaqstant din il-qorti tirrespingi l-eccezjoni ulterjuri datata t-30 ta' Mejju tas-sena 2006

> sollevata mill-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**”**

Minn din is-sentenza li cahditlu l-eccezzjoni ulterjuri appella l-konvenut bil-gravam illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat ta’ l-ipotesi tal-ligi ta’ xi tfisser “persuna” ghall-iskop tal-Kapitolu 248 f’ materja ta’ libelli. Huwa ghalhekk ghadda biex talab ir-revoka ta’ din is-sentenza;

Bi twegiba l-attur *nomine* issolleva fl-ewwel lok il-pregudizzjali ta’ l-irritwalita` u n-nullita` ta’ l-appell in kwantu l-appellanti naqas milli josserva d-dispost tal-proviso ta’ l-Artikolu 231 tal-Kapitolu 12 ghall-appell minn sentenza preliminari u parzjali.  Huwa evidenti illi din il-Qorti ghandha qabel kull stharrig tal-mertu ta’ l-appell interpost tinvesti din il-pregudizzjali, anke ghaliex, jekk din tirrizulta fondata, il-Qorti hi prekluza milli tinoltra ruhha ghall-ezami fil-mertu;

Fl-ordinament guridiku processwali taghna l-impunjattiva ta’ sentenzi separati moghtija fl-istess gudizzju hi dixxiplinata skond id-dettami ta’ l-Artikolu 231 tal-Kodici ritwali, li jiddisponi kif gej:-

> “Jekk diversi kwestjonijiet f’ kawza jinqatghu b’ sentenzi separati, jista’ jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f’ dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:
>
> Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista’ jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment

> meta tinghata s-sentenza jew b' rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jinghata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iz-zmien biex jigi prezentat l-appell relattiv ghandu jibda ghaddej mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh";

Jitnissel b' mod car hafna minn dan il-provvediment illi l-interpretazzjoni awtentika tal-volonta tal-legislatur hi dik li fil-kaz ta' sentenzi separati l-appell minnhom hu differit ghall-istadju fejn il-proceduri jkunu konkjuzi b' sentenza definittiva li tkun ikkonkludiet il-kontroversja shiha bejn il-partijiet u tkun ezawriet il-kwestjonijiet kollha pendenti. Biex ikun mod iehor, il-ligi tirrikjedi formula sagramentali espressa, jew verbalment jew permezz ta' rikors, fejn tigi manifestata l-volonta tal-parti sokkombenti li trid tappella u jintalab mill-Qorti l-permess ghal daqshekk;

Huwa intwittiv illi l-impunjattiva immedjata ta' sentenza parzjali minghajr dak il-permess mhix ammissibbli f' dak l-istadju, anke jekk, meta ssir, din ma tipprekludix lill-parti minn dik il-possibilita` li terga' tipproponiha mill-gdid unitament ma' l-appell mis-sentenza li tiddefinixxi l-gudizzju;

Fil-kaz prezenti l-ewwel Qorti giet imsejha tiddetermina l-eccezzjoni ulterjuri mqanqla b' difiza mill-konvenut appellanti li biha ppretenda illi la l-Korporazzjoni attrici ma kienetx persuna fizika dan ma kienx jattira b' applikabilita d-dispost ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 u allura l-azzjoni kif promossa kienet improponibbli. Ma' dan l-ewwel Qorti ma qabeltx u bis-sentenza taghha tas-7 ta' Frar 2007 cahdet din l-eccezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawza. Il-konvenut qabad u ntavola appell minnha minghajr ma ottempera ruhu preventivament mal-proviso tal-precitat Artikolu 231, Kapitolu 12;

Huwa sew evidenti kemm mill-qari tal-verbali u mill-kontenut ta' l-istess decizjoni illi ghalkemm il-pronunzjament moghti kien definittiv tal-kwestjoni partikulari sollevata, b' mod li l-Qorti adita ma tkunx tista' f' xi stadju ulterjuri tirrikonsidraha, ma kienx definittiv tal-gudizzju billi ma setghetx titqies "l-ahhar sentenza" ghal liema jirreferi l-Artikolu 231 tal-ligi. Konsegwentement, dak l-istess pronunzjament ma setax jattira l-impunjattiva immedjata tieghu bl-appell interpost jekk mhux wara li jkun miksub il-permess tal-Qorti;

L-appellanti ma setax bil-mera volonta unilaterali u arbitrarja tieghu jidderoga mill-vot tal-ligi ghax kif jinsab affermat "*trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l' ordine pubblico mediante una convenzionismo di forma non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge per produrre certi effetti prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens*" (**Kollez. Vol. XVIII P I p 19**). Ara wkoll **Kollez. Vol. XXXIII P I p 46, Vol. XXXVI P I p 204**, **Vol. XLIX P I p 421** u "**Carmelo Attard *et nomine* -vs- Domenic Micallef *et nomine***", Appell , 28 ta' Jannar 2000;

Fic-cirkostanzi una volta din il-Qorti ssib li ma ntalab ebda permess ghall-appell, is-sentenza moghtija tibqa' oggett ta' impunjazzjoni differita skond l-ewwel parti ta' l-Artikolu 231 u l-appellanti ma kellux jiddevja minn dan jekk mhux skond il-formula ritwali dettata mill-proviso ta' l-istess artikolu predett.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-istanza ta' l-appell promoss mill-konvenut bhala irrita u nulla u ma tiehux konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess. L-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mill-konvenut appellanti. Finalment il-Qorti qed tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni fil-mertu wara li l-istess kawza tigi riappuntata skond kif prefiss fid-digriet ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Marzu 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------